# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, il-26 ta' Ottubru, 2022

Avviz tat-Talba numru:: 142//2021 CL

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655)**

**VERSUS**

**Josephine Camilleri (KI 174766M)**

Ra t-talba li gietipprezentat fl-14 ta' Mejju 2021 fejn is-socjeta attrici fethet proceduri fil-konfront tal-konvenuta, li kienet assikurata mas-socjeta attrici u fit-3 ta' Marzu 2011, il-konvenuta kienet selfet il-vettura taghha Hyundai bin-numru LAB235 lil persuna mhux maghrufa fejn dakinhar sehh incident stradali gewwa B'Kara. Kawza ta-dan l-incident infethu proceduri arbitragg fil-konfront tas-socjeta attrici u l-istess socjeta attrici sborsat l-ammont ta' tlett elef, erbgha u ghoxrin euro  tmienja u ghoxrin centezmu (€3,024.28) skond l-award u taxxa, liema hlas sar skond il-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi baqghet inadempjenti. Ghaldaqstant is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tig ikkundanata thallashom is-somma msemmija flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali nru 186/12 u ittra ufficjali nru 1147/20 u mghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz.

Ra r-risposta li giet pprezentata mil-konvenuta fil-31 ta' Mejju 2021, fejn sostniet illi jekk it-talba hija ghal danni din hija preskritta skondl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ghax ghaddew sentejn mid-data tal-incident u jekk it-talba titqies li hija ex contractu din hija ukoll preskritta skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili peress illi ghaddew hames snien mill-incident.

In vista tal-eccezzjonijiet preliminarji mressqa mill-konvenuta t-Tribunal ordna l-inverzjoni tal-provi. Il-konvenuta ipprezentat l-affidavit taghha fl-10 ta' Jannar 2022 u fit-23 ta' Marzu 2022 xehdet rapprezentanta tas-socjeta attrici li ipprezentat diversi dokumenti fosthom id-decizjoni tal-arbitragg datat 13 ta' Gunju 2019 minn Dr. Philip Manduca fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Ltd vs Untours Insurance Agents Ltd. It-tribunal ra ukoll d-dokumenti li gew ipprezentati mat-talba. Fit-2 ta' Mejju 2022 il-partijiet qablu li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet u l-kawza thalliet ghat-28 ta' Settembru 2022 ghas-sentenza. Illi ifis-seduta tat-28 ta' Settembru 2022, it-Tribunal ra li l-konvenuta ma kinitx ipprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet fiz-zmien moghti lilha mit-

Tribunal, izda s-socjeta attrici ma sabitx oggezzjoni sabiex it-Tribunal jghaddi ghas-sentenza minghajr is-sottomissjonijiet.

It-Tribunal ra illi ghalkemm l-incident kien sehh bil-vettura tal-konvenuta fit- 3 ta' Marzu 2011, kienu infethu proceduri ta' arbitragg bejn Atlas Insurance Pcc Ltd u Untours Insurance Agents Ltd, li magghom kienet assikurata l-konvenuta. Minkejja li fil-kawza tal-arbitragg, Untours Insurance Agents Ltd kienu talbu il-kjamat fil-kawza tal-konvenuta, din it-talba giet michuda. Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm il-konvenuta kienet irceviet ittra ufficjali bin-numru 186/12 fil-25 ta' Jannar 2012, l-konvenuta regghet giet interpellata biex taghmel tajjeb ghal-incident, fis-27 ta' Mejju 2021 u ghalhekk kienu ghaddew aktar minn disa' snin mill-ewwel interpellanza. Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' l-eccezzzjonijiet u jiddikjara t-talba bhala preskritta. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mis-socjeta attrici.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**